MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Numru. 946/2013

PULIZIJA

**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**IVAN GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 500774 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-8 ta` Awwissu, 2013, bejn il-kwarta (00:15am) u s-siegha nieqes kwart ta` filghodu (00:45am) ikkommetta serq ta` sittin ewro (€60) minn go magna tax-xorb li kienet sitwata quddiem il-hanut bl-isem ta` Di Rocco li jinsab fi Triq il-Princep Albert, Marsa, ghad-deteriment ta` Roque Camilleri u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravate bil-hin u bil-mezz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fl-imsemmija magna tax-xorb liema hsara hija ta` aktar minn mija u sittax Ewro u sebgha u erbghin Ewro centezmu (€116.47) u dan ghad-deteriment ta` Roque Camilleri u/jew persuna/i ohra;
U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat il-Fedina Penali tal-istess imputat;

Wara li rat l-Artikoli 278, 261, 270, 263, 278 (1) (2), 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah disa` (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------